MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 376/2003

**Thomas Smith & Co. Ltd**

**vs**

**Kevin C. Fenech ezercenti l-kummerc taht l-isem American Trading**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovut ghal servizzi moghtija fil-garr ta' merkanzija u dana skond id-Dokumenti TS1 u TS2 annessi ma' l-avviz u cioe cash sale datat 28 ta' Frar 2002 bin-numru IS500199 u cekk mahrug mill-konvenut (numru 604-BOV) b'referenza ghal hlas dovut, liema cekk ma giex imsarraf.

Bl-ispejjez u bl-imghax b'sehh mit-28 ta' Frar 2002, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-bilanc dovut jammonta ghal Lm700 u mhux Lm800.
2. Illi l-hlas kien u ghadu qed isir b'rata mensili ta' Lm100 mis-socjeta Pavin Limited ghan-nom ta' American Trading Agency billi l-kontijiet bankarji ta' American Trading Agency gew mizmuma permezz ta' mandati kawtelatorji li wara gew imwaqqfa permezz tal-kontromandati relattivi.
3. Illi stante li kien qed isir u ghadu qed isir il-hlas, is-socjeta' attrici ma kelliex ghalfejn tipprocedi bit-talbiet taghha quddiem dan it-Tribunal.
4. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, il-konvenut ma ghandux jigi ikkundannat ihallas l-ispejjez tal-proceduri mehuda mis-socjeta attrici.

Ra n-nota tas-socjeta attrici tat-12 ta' Marzu 2003 li permezz taghha hija irriduciet it-talba taghha ghal Lm700, stante pagament ta' Lm100 fil-mori tal-kawza.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 Procedura Civili).

Billi ghalkemm kienet tezisti possibilta ta' transazzjoni, bejn il-partijiet din ma intlahhqitx u l-konvenut naqas li jattendi kemm ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2003, kif ukoll ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddiciedi billi filwaqt illi jilqa t-talba attrici kif ridotta permezz ta' notaipprezentata fit-12 ta' Marzu 2003, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba mitt lira Maltin (Lm700) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta Frar 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------